# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1337/00**

**Numru 38**

**Francis Busuttil & Sons Ltd**

**vs**

**Yada International Co Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u hdax-il lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm311.47) rapprezentanti l-bilanc mill-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta konvenuta, fuq ordni taghha, skond statement anness mal-avviz Dok A. Bl-imghax mill-1 ta' Gunju 1997 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' April 2000 kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentati guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm311.47,0 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta' Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' April 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg